KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 13

**Il-Ħamis 28 ta' Mejju 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fil-5:30 ta' filgħaxija. Minħabba restrizzjonijiet ta' saħħa fir-rigward ta' Covid-19, kien hemm qbil li din il-laqgħa għandha terġa' tinzamm permezz ta' Confracall skont id-Direttiva 2/2020 punt 4.5.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 13.1 Qari tal-Apoloġiji

13.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 11 u 12

13.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

13.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 11 u seduta numru 12 ġew approvati. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 13.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-Sindku informa li tkellem mal-Perit Vassallo dwar it-Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello u dan kien infurmah li l-ewwel se jlestu l-*exit junction* tal-Bypass bejn l-Imtarfa u n-Nigret u mbagħad għandhom jibdew ix-xogħol fuq it-telgha tal-Imtarfa. Bejn wieħed u ieħor, ix-xogħol tal-exit junction kellu jibda għal Ġunju filwaqt li x-xogħol ta' Triq il-Kavallier Bonello kellu jibda għal Settembru.

13.3.2 Is-Sindku informa li x-xogħol fi Triq Mikiel Fsadni kien waqa' lura minħabba li kull ħin li kien qed isir l-iskavar, kellu jkun hemm monitor tal-Heritage Malta minħabba li hija żona sensittiva.

13.3.3 Is-Sindku informa li ovvjament il-bidu tax-xogħol fuq l-I*nterpretation Centre* kien se jafffettwa madwar 20 parkeġġ fil-pjazza u għaldaqstant kien qed jagħfas mal-awtoritajiet sabiex jinbdew biċċiet żgħar mill-proġett tal-pjazza, prinċiparjament il-bankina ta' Triq ir-Reġimenti Maltin. Huwa fakkar li l-istess ammont ta' parkeġġi ġew kreati fi Triq it-Torri tal-Arloġġ fejn sar parkeġġ ġdid u għandna fil-ħsieb li jsir parkeġġ ieħor li jieħu 14-il parkeġġ ieħor quddiem il-gym imma għad hemm problemi mal-Awtorità tad-Djar. Sadanittant kien hemm qbil li għandna nġibu kwotazzjonijiet biex nirranġaw il-bankina b'mod temporanju. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jsir parkeġġ ukoll ħdejn il-latrina u jitpoġġew xi pots kbar biex il-vetturi ma jidħlux aktar 'il ġewwa.

13.3.4 Wara mistoqsija mis-Sindku, is-SE infurmat li fir-rigward tal-parkeġġ ta' Binja Qlejgħa, kien qed isir survey ġdid tal-parti t'isfel, fejn hemm il-garaxxijiet qabel ma l-periti jkunu jistgħu jgħaddu l-BOQ.

## 13.4 Approvazzjoni tat-talba għal estensjoni tal-kuntratt dwar ir-restawr tat-Torri tal-Arloġġ

13.4.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba oħra għal estensjoni mingħand il-kuntrattur fir-rigward tal-proġett tar-restawr. It-talba kienet sabiex ikun hemm estensjoni sal-aħħar ta' Lulju 2020.

13.4.2 Hija infurmat li bejn li nqalgħu ħafna ntoppi minħabba l-Coronavirus kif ukoll konna għadna qed nistennew numru ta' konfermi dwar xogħlijiet li setgħu jsiru minħabba diversi konsultazzjonijiet li jridu jsiru pass pass u bl-approvazzjoni tal-SCH, ix-xogħol mistenni ma setax jitkompla bir-ritmu li kien mixtieq u mistenni.

13.4.3 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandha tingħata estensjoni sal-31 ta' Lulju 2020, fejn sa dakinhar kien se jistenna li x-xogħlijiet kollha li jikkonċernaw ir-restawr tat-torri għandhom ikunu tlestew. Min-naħa l-oħra m'eskludewx il-possibbiltà li tingħata estensjoni oħra finali kemm-il darba jkun hemm bżonn.

13.4.4 Sadanittant is-SE infurmat ukoll li l-*Managing Authority* kienet infurmat lill-Kunsill li qed taċċetta li jkun hemm estensjoni tal-proġett sal-aħħar ta' Ġunju. Huma infurmaw ukoll li kemm-il darba l-Kunsill imur oltre mill-aħħar ta' Diċembru u min-naħa tal-UE kienu se jagħtu xi penali minħabba f'din id-deċiżjoni, il-Kunsill kien se jkollu jbatiha hu.

## 13.5 Approvazzjoni ta' żieda fil-BOQ tal-kuntratt tar-restawr minħabba varjazzjonijiet

13.5.1 Is-SE infurmat ukoll li minħabba li l-varjazzjonijiet mill-pjan oriġinali komplew jiżdiedu, il-kuntrattur kien preżenta BOQ ġdid bl-ammonti addizzjonali ta' €128,058 sabiex ikunu saru l-interventi kollha proposti ġeneralment mill-SCH, sabiex ix-xogħol fuq it-torri tal-arloġġ ikun komplet. Hija infurmat ukoll li l-BOQ preżentat kien se jiġi kkonfermat min-naħa tal-periti tal-Kunsill imma l-ammont mhux mistenni jvarja b'ħafna jekk ivarja. Hija tat spjega ta' x'inhuma l-varjazzjonijiet u infurmat li l-Kunsill kien kommess li joħroġ 20% minnhom mill-allokazzjoni tiegħu.

13.5.2 Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kunsill approva dawn il-varjazzjonijiet. Is-SE se tieħu ħsieb li tressaq it-talba għall-fondi lill-awtoritajiet konċernati hekk kif il-BOQ jiġi kkonfermat mill-Periti tal-Kunsill.

13.5.3 Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar il-produzzjoni ta' filmat li hemm bżonn li ssir għal meta jkun lest il-*Visitors Centre*. Is-Sindku informa li kien qed jiġbor il-kwotazzjonijiet u li kien se jieħu ħsieb jgħaddihom lis-SE sabiex tagħmel talba formali lill-MTA għall-fondi.

## 13.6 Approvazzjoni tal-estensjoni tal-ingaġġ tal-iskrivana tal-Kunsill

13.6.1 Is-SE infurmat li l-*probation period* tal-iskrivana tal-Kunsill kien skada t-Tnejn 25 ta' Mejju. Fuq rakkomandazzjoni tagħha l-ingaġġ tal-iskrivana ġie approvat.

13.6.2 Sadanittant hija infurmat li fil-preżent din l-iskrivana kienet bdiet tagħmel xogħol mid-dar (*teleworking*) minħabba li kif infurmat fil-laqgħa preċedenti kienet ikkunsidrata bħala persuna vulnerabbli. Hija infurmat ukoll li kienet xtrat linja tal-*mobile* kif ukoll *mobile* ieħor sabiex it-telefonati li jsiru jkunu jistgħu jinqasmu bejn iż-żewġ skrivani.

## 13.7 Bord tal-Evalwazzjoni għall-offerta MTFLC/T/001/2020 – *Luminaires for Ġnien is-Sinjura*

13.7.1 Is-SE talbet lill-Kunsill sabiex jikkonferma l-bord tal-evalwazzjoni għal din l-offerta. Kien hemm qbil li dawn ikunu s-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Fenech, is-SE u l-Assistent Prinċipali.

Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar x'jista' jsir dwar ix-xaqq li hemm mal-art fi Ġnien is-Sinjura. Kien hemm qbil li għandu jsir rapport u jintbagħat lill-Awtorità tad-Djar, lill-Awtorità tal-Artijiet u anke lil Infrastructure Malta minħabba li skont espert ġeoloġiku li nġab, mhux effettiv li jimtela' x-xaqq li hemm u li d-deterjorazzjoni hija kontinwa u għaldaqstant mhux faċli li jiġi determinat kif u meta jista' jiggrava aktar.

Hawnhekk il-Viċi Sindku nqata' mil-laqgħa. Il-ħin kien is-7:00pm.

Is-Sindku informa wkoll li nbdiet kommunikazzjoni wkoll mal-Awtorità tad-Djar sabiex ningħataw permess biex ngħaqdu Triq San Oswald ma' Triq is-27 ta' April. Sadanittant se ssir kommunikazzjoni mill-ġdid mal-persuni responsabbli sabiex ngħaqdu l-passaġġ ta' bejn il-bosk u Triq San Oswald.

Hawnhekk il-Kunsilliera Sammut Dimech infurmat li kienet se tieħu ħsieb tkellem lill-Ministru responsabbli mit-Turiżmu fir-rigward ta' Pjazza San Oswald għaliex temmen li hija lok fejn it-turisti jistgħu jaraw il-belt tal-Imdina minn angolu differenti u tassew sabiħ. Għaldaqstant is-SE intalbet biex tieħu ħsieb li l-BOQ tal-pjazza jiġi *updated*.

## 13.8 Rapport dwar il-*Performance Indicators*

13.8.1 Hawnhekk is-SE infurmat li kienet għaddiet *email* lill-Kunsill bir-rapport li jindika l-*performance indicators* tal-lokalità tal-Imtarfa meta mqabbla mal-*average* tal-Kunsilli Lokali kollha. Il-Kunsill iddiskuta kull punt li kienu jirrigwardjaw l-ammont ta' skart mhux riċiklabbli ġġenerat, l-ammont ta' materjal riċiklabbli ġġenerat, tindif tat-toroq, *fly tipping* u l-manutenzjoni tat-toroq. Il-Kunsill kellu riżultati pjuttost tajbin f'kull indikatur ħlief dak tal-iskart mhux riċiklabbli.

## 13.9 *Update* dwar il-Bosk

13.9.1 Is-SE infurmat li kien sar rapport lill-PA u lill-ERA dwar il-ħsarat ambjentali li kienu saru fuq l-art biswit il-bosk tal-Imtarfa u eventwalment is-sid ġie mġiegħel jieqaf mix-xogħlijiet li kienu qed isiru għaliex ma kellux permess għalihom.

13.9.2 Sadanittant ukoll kienet saret laqgħa mal-perit u l-enġinier strutturali dwar il-parti ta' ġewwa, fejn hemm il-belveder, u kienu bdew jinġabu l-kwotazzjonijiet sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol. L-iskavar sabiex ikun jista' jintrabat id-*decking* se jsir minn kuntratturi privati permezz ta' *direct order*.

13.9.4 Is-SE infurmat ukoll li matul il-ġimgħat li ġejjin kienu se jinqatgħu numru żgħir ta' siġar tal-ewkaliptus mill-bosk minħabba li wara żjara fuq il-post, ġew iċċertifikat anke mill-ERA li huma morda u għaldaqstant se jkunu qed jinqatgħu biex jitneħħa l-periklu. Hija infurmat li

għal dan ix-xogħol il-Kunsill diġà kellu fond ta' Ambjent Malta u għaldaqstant l-ispejjeż kienu se jittieħdu minn hemm. Ix-xogħol li kien se jsir wara l-qtugħ tas-siġar kien se jinvolvi wkoll il-bini ta' struttura tal-injam fuq il-ġenb tal-futbol grawnd u li kienet se tinvolvi madwar elf ewro imma li ovvjament kienet investiment għall-futur minħabba li fiha jistgħu jixxettlu ħafna aktar siġar milli qed isir bħalissa.

Kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat kommunikazzjoni lill-HA sabiex ikun hemm estensjoni tal-bosk sal-ħajt ta' ġewwa.

## 13.10 *Update* dwar il-kwistjoni ma' GreenMT fir-rigward tal-ġbir tal-borża l-griża

13.10.1 Is-SE infurmat li l-kuntrattur ta' GreenMT kien aċċetta li jagħti s-servizz lill-Kunsill b'rata inqas milli kien qed jaħdem ma' GreenMT u wara kommunikazzjoni mal-Kunsilliera kollha huwa aċċetta li jagħmel il-ġabra għal €80 (+VAT) għal kull ġabra.

13.10.2 Sadanittant l-avukat tal-Kunsill kien bagħat skrittura legali lil GreenMT fejn għarrafhom li l-Kunsill kien qed iżommhom responsabbli għall-ispejjeż żejda li qed isiru.

13.10.3 Is-SE infurmat ukoll li minbarra r-rapport lid-DLG, kien sar ukoll rapport lill-ERA bħala l-awtorità inkarigata mill-immaniġġjar tal-iskart nazzjonali.

## 13.11 *Update* dwar il-proġett ta' Ġnien is-Sinjura

13.11.1 Hawnhekk is-SE infurmat li kienet għaddiet *email* lill-Kunsill b'ritratt kif kien qed jiġi ssuġġerit li jsir l-*outdoor gym* minħabba li l-kuntrattur kellu d-dubji tiegħu jekk kienx hemm biżżejjed *safety area* mad-dawra ta' kull biċċa apparat.

13.11.2 Għaldaqstant kienet għaddejja b'kommunikazzjonijiet mal-Periti biex nassiguraw li ma jkunx hemm problemi aktar 'il quddiem. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jiġi alterat il-*layout* tal-istrutturi kemm-il darba jkun hemm bzonn minħabba s-sigurtà ta' min qed jużahom.

## 13.12 Proġett fi Triq Gregorio Carafa

13.12.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet pjanta ta' parkeġġ żgħir li seta' jiġi kostruwit bejn Triq il-Ferrovija u Triq Gregorio Carafa u għaldaqstant jgħin fil-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ f'dik iż-żona.

13.12.2 Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi b'dan il-proġett.

## 13.13 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentanta tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

13.13.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li għal post covid, jekk wieħed ikollu xi ideat għal xi attivitajiet li jistgħu jsiru mir-Reġjun, wieħed jista' jgħaddilhom kommunikazzjoni.

Il-Kunsillier Mifsud infurmat li l-manutenzjoni tas-CCTV kienet se tiswa lill-Kunsill bejn €600 u €1000 'il waħda. Dawn se jkunu monitored min-naħa tal-LESA.

Il-Kunsillier Mifsud infurmat li l-websajt tar-Reġjun qegħda fuq trial fil-preżent għalkemm jonqos li l-paġna tal-Kunsill tal-Imtarfa tiġi updated. Din il-websajt se tkun tista' tintuża anke mir-residenti biex jibgħatu ilmenti minn fuqha. Sadanittant qed jiddiskutu l-possibbiltà li wieħed japplika għal permess minn fuqha wkoll.

Hija infurmat li r-Reġjun kien estenda s-servizz tas-sigħat għall-manutenzjoni tal-IT għall-Kunsilli Lokali.

## 13.14 Punti Oħra

13.14.1 Is-SE infurmat li kellha talba biex isiru xi *bicycle racks* madwar l-Imtarfa biex nippromwovu aktar l-użu tar-roti b'mod speċjali għal qadi madwar ir-raħal. Kien hemm qbil li jsiru mill-ħaddiem tal-Kunsill.

13.14.2 Is-SE infurmat ukoll li kellha talba minn residenta sabiex nikkunsidraw li jinstab xi post ċentrali fejn it-tfal ikunu jistgħu jipprattikaw il-basketball. Basket waħda kienet biżżejjed biex wieħed ikun għallanqas jista' jipprattika waħdu. Għalkemm il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, kien hemm qbil li l-post li jinstab irid ikun 'il bogħod mir-residenti minħabba l-ħoss tal-ballun li jista' jkun tedjanti.

13.14.3 Is-SE infurmat li matul ix-xahar ta' Mejju kien inxtara *mobile cheap* u linja ġdida tal-*mobile* sabiex l-iskrivana PT tal-kunsill tkun tista' tgħin lill-Assistent Uffiċjal Prinċipali fit-telefonati u l-qadi tax-xogħol tal-uffiċċju.

13.14.4 Is-SE infurmat li l-AKL kienet irranġat biex il-Kunsilli japplikaw għal EPOS machine biex ikunu jistgħu jgħaddu pagamenti bil-*cards* ukoll. Kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali għandu jagħmel applikazzjoni għal waħda b'mod speċjali fid
-dawl li fil-lokalità m'hemmx ATM u għaldaqstant mhux dejjem huwa faċli li wieħed ikollu *cash*.

13.14.5

Is-SE infurmat li l-amministrazzjoni kienet daħħlet applikazzjoni għall-bini ta' ġiebja fi Triq Sir Leslie Rundle sabiex minnha tkun tista' tintuża s-sistema tal-irrigazzjoni l-ġdida għall-ġnien ta' Triq il-Gladjoli.

13.14.5

Is-Sindku talab lis-SE sabiex tara fiex waslet il-pjanta tal-parkeġġi għal Triq Dar il-Kaptan u talabha sabiex possibbilment jiġu inklużi wkoll xi parkeġġi għall-muturi.

## 13.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

13.15.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 6), kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 13.16 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

13.16.1 Il-laqgħa spiċċat fi 8:10pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020.

Konfermati, illum it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |